MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Numru. 1162/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**SILVIU PILEANDRA'**

**(K.I. Rumena Nru: GL511043)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SILVIU PILEANDRA',** detentur tal-karta ta' l-identita' Rumena bin-numru GL511043 gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar il-25 ta' Novembru 2014 ghall-habta tal-erba' u ghaxra ta' wara nofsinhar (16:10hrs) minn gewwa Triq Spinola, San Giljan:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-dellit ta' serq aggravat bil-valur, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali mil-volonta' tieghu u dan ghad-dannu ta' U-Group Malta Ltd;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati b'sentenza ta' reati maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' fedina penali, vera kopja tal-karta tal-identita Rumena tal-imputat, statement u kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-27 ta' Novembru 2014.

Il-Qorti semghet lill-imputat jiddikjara li huwa jbaghti minn Hepatitis A u Hepatitis B u ghalhekk talab lill-Qorti sabiex f'kaz ta' prigunerija taghti r-rakkomandazzjoni taghha sabiex huwa jigi trattat ghal din il-kundizzjoni medika.

Rat illi mill-fedina penali tieghu jirrizulta illi ghalkemm l-imputat m'ilux wisq hawn Malta, huwa diga' ghamel zmien konsiderevoli l-habs u rat li ma tghallimx minn din l-esperjenza. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi thoss illi l-piena idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 49, 50, 261(c), 279(a) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat SILVIU PILEANDRA' hati tal-akkuzi u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija effettivi.**

**Taghti wkoll ir-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu in konsiderazzjoni l-kundizzjoni medika tal-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------